TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1182

KAZ NRU.1447

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Il-Preluna Hotel & Towers

u

it-Taqsima Lukandi, Ristoranti, Ikel u Xorb

tal-Union Haddiema Maghqudin

Data : 26 ta' Marzu 2001

Chairman : Is-Sur George Borg-Cardona

Membri : Is-Sur Michael J. Mallia
Is-Sur Alfred Buhagiar

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 13 ta' Gunju 2000 b'referenza MSP/2/97/32 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 27 (3) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 7 seduti.

Il-Preluna Hotel & Towers, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Joseph Preca, assistit mis-Sur Michael Seychell. Il-Union Haddiema Maghqudin, aktar l-quddiem tissejjah il-"Union", kienet rapprezentata mis-Sinjuri Gejtu Vella u Lino Vassallo.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-Kumpanija sostniet li r-"Room Attendants" ghandhom jaghmlu 19 il-kamra kuljum galadarba gie ppruvat li dan huwa umanament u teknikament possibbli, u dan skond il-Ftehim Temporanju datat 7 ta' April 2000 milhuq u ffirmat bejn il-partijiet. Ikkontendiet ukoll li Artikolu 31 tal-Ftehim Kollettiv precedenti dwar l-obbligazzjoni tal-Kumpanija li thallas "gratuity" lill-haddiema f'kas ta' "redundancy" ghandu :

a) jitnehha totalment mil- Ftehim Kollettiv li qed jigi rivedut ;
b) jekk it-Tribunal jiddeciedi mod iehor ghandu jigi amendat fis-sens li japplika biss f'kaz ta' mpjegati dikjarati "redundant" minn xi dipartiment partikolari u mhux jekk il-Kumpanija tkun kostretta li ma tkomplix topera bhala Hotel ;
c) jekk jithallas "redundancy gratuity" ghandu jitnaqqas dak l-ammont li thallas', jekk ikun il-kaz, meta giet likwidata it-"Terminal Gratuity " li kien hemm qabel.

Il-Union sostniet li n-numru ta' kmamar li r-"Room Attendants ghandhom inaddfu ghandu jibqa dak indikat fil-Ftehim Kollettiv u li mhux umanament u teknikament possibli li jsir in-numru li tippretendi il-Kumpanija. Ukoll li r-"Redundancy Gratuity" ma ghandux jitnehha jew jigi amendat ghaliex jekk l-haddiema jitilfu l-impieg ghandhom jiehdu kumpens xieraq. Barra minn hekk ma ghandux jitnaqqas minn dan il-kumpens xi ammont li setghu hadu zmien ilu ghaliex dan kien relatat mal-likwidazzjoni tal-"Pension Schemes" dak iz-zmien ezistenti u ma kellhom eba konnessjoni ma "redundancy".

Fis-Sottomissjonijiet Finali l-Kumpanija sostniet it-tezi taghha li hu umanament u teknikament possibli li jsiru 19 il kamra u li dan gie ppruvat bix-xhieda li ressqet. Barra minn hekk it-Thomson Organisation, wahda mill-akbar operaturi li jibghatu turisti f'lukandi tal-klassi tal-Kumpanija, jesigu li biex l-kwalita tat-tindif ikun accettabbli ghalihom ir"Room Attendants" mghandhomx jaghmlu aktar minn 20 kamra. Fil-kaz tal-Artiklu 31 il-Kumpanija ghamlet it-talba li jitnehha jew jigi amendat ghaliex ricentament bdiet tirrejalizza li l-haddiema u/jew il-Unions jistghu igibuha f'sitwazzjoni fejn ma tkunx tista' topera bhala Hotel u jkollha twaqqaf l-haddiema mix-xoghol.

Il-Union ikkontendiet li mill-bidu nett in-numru ta' kmamar li hu mistenni jitnaddfu dejjem gie stabbilit bi qbil bejn il-partijiet. Ghamlet enfasi li ftehim kollettiv isir bejn il-Union u Hotel partikulari u ma jigix negozjat mal-Malta Hotels and Restaurants Association. Ghalhekk meta jsir ftehim dan jintlahaq wara li jigu kunsidrati c-cirkostanzi partikolari, specjalment dawk finanzjarji, ta' lukanda u mhux dak li jista' jitqies applikabbli fuq bazi settorali. Qalet ukoll li waqt li l-Kumpanija nsistiet ghal zieda fix-xoghol ta' "Room Attendants" ma ressqet ebda "Time and Motion Study" biex tiggustifika din t-talba.

Dwar ir-"Redundancy Gratuity" il-Union sostniet li l-Artiklu 31 tal-Ftehim Kollettiv dahal bi kbil bejn il-partijiet u dahal f'aktar minn ftehim kollettiv wiehed minghajr tilwim. M'hemm ebda raguni valida ghaliex dan ghandu jitnehha u ghandu jibqa jsehh fl-interess tal-haddiema.

It-Tribunal wara li qies is-sottomissjonijiet tal-partijiet u x-xhieda li pprezentaw kif ukoll ezamina d-dokumenti prodotti kkunsidra li :

a) gie ampjament ppruvat li hu umanament u teknikament possibbli li jsir it-tindif ta' mhux anqas minn 18 il kamra skond ix-xoghol mistenni kif rivedut li hu ndikat fit-tabella annessa mas-Sottomissjonijiet Finali tal-Kumpanija ;

b) ghat-Thomson Organisation, meqjusa bhala operatur ewlieni fit-turizmu, it-tindif minn "Room Attendants" ta' mhux aktar minn 20 kamra hu accettabli biex tintlahaq l-kwalita mistennija minnhom ;

c) meta zdiedu n-numru ta' kmamar, bit-tnaqqis ta' certu xoghol milli jsir kuljum, ma rrizultatx zieda fil-"complaints" li jsiru dwar tindif ;

d) f'rapport li sar f'Marzu 1999 minn Deloitte & Touche jinghad li f'hames snin il-"payroll costs" zdiedu b'20.4 %, li dawn telghu ghal 43% tat-"turnover" u li mistennija jitilghu ghal 45% fis-sena li taghlaq fil-31 ta' Marzu 1999 meta dawn, ghal lukanda ta' din il-klassifika u daqs, mghandhomx jeccedu 38%. Jinghad ukoll li l-profittabbilta' tal-Kumpanija giet kontinwament imnaqqra minhabba nuqqas fit-"turnover" flimkien ma zieda qawwija w kontinwa fil-payroll costs" u spejjes ohra operarttivi.

e) l-Artiklu 31 dwar "Redundancy Gratuity" originarjament sar bi qbil bejn il-partijiet, gie rikonfermat sussegwentement u ma tressqux ragunijiet konvincenti biex dan jitnehha. L-anqas ma ngiebu argumenti biex jiggustifikaw li jsir xi tnaqqis mill-ammont li jista' jkun dovut ghaliex dak il-hlas li kienu rcevew xi haddiema kien jikkoncerna l-likwidazzjoni ta "pension schemes" fl-1979 meta giet introdotta l-Pensjoni taz-Zewg Terzi u ma kellu x'jaqsam xejn ma "redundancy".

It-Tribunal, wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kas, jiddeciedi li :

a) r-"Room Attendants" ghandhom jaghmlu 18 il kamra galadarba hu umanament u teknikament possibli li jsiru u dan skond it-termini tal-Ftehim milhuq fis-7 ta' April 2000.

b) l-Artiklu 31 tal-Ftehim Kollettiv dwar "Redundancy Gratuity" ghandu jibqa kif inhu.

B'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
Chairman

Michael J. Mallia
Membru

Alfred Buhagiar
Membru

Emma Muscat
A/Segretarja